Kunsill Lokali Attard
6, Triq il-Kbira
Attard BZN 02

Tel.No 411111 Fax No. 411414

## LAQGHA GENERALI ANNWALI

| | | | | |
|---|---|---|---|---|
| **POST** | SALA TAL-KUNSILL | | | |
| **DATA** | 14 ta' Mejju 2009 | | | |
| **HIN** | Minn | 6.00pm | Sa | 7.30pm |

**Prezenti**

| | | |
|---|---|---|
| **Sindku** | Sur | NORBERT PACE |
| **Vici-Sindku** | Sur | STEFAN CORDINA |
| | Sur | JOHN P. BONNICI |
| | Sur | RALPH CASSAR |
| **SKUZATA** | Dr. | LUISA GAUCI BALUCI |
| | Sur | MARK ANTHONY SPITERI |
| | Sur | ALFRED ZAMMIT |
| **Segretarju Ezekuttiv** | Sinjura | MARICA MIFSUD |

Prezenti ghall-laqgha kien hemm is-Sur Mario Chetcuti u s-Sur Ray Borg, it-tnejn residenti minn H'Attard.

Is-Sur Ralph Cassar gibed l-attenzjoni tal-Kunsill li t-timer ta' Gnien il-Kunsill qed jixghel fis-6 ta' filghaxija u issa qed ikun ghadu d-dawl. Barra minn hekk hemm bzonn li tinghazaq ftit il-hamrija u jitnaddaf.

Is-Sur Norbert Pace talab lir-residenti prezenti biex jitkellmu. Is-Sur Mario Chetcuti beda billi semma l-problema rikorrenti fi Triq San Duminku waqt il-hin tal-muzew. Qal li ma jistax ikun li jibqghu kulhadd ghaddej sparat bi speed eccessiv minn triq daqstant dejqa jew it-triq ibblukkata b'karozzi pparkjati bl-addocc u l-genituri jpacpcu. Qal li dan kollu Malta biss tarah u hija eccezzjoni koncessa ghal Malta biss.

Is-Sur Ralph Cassar qal li l-Kunsill kien ghamel talba sabiex it-triq tigi pedestrijanizzata u din it-talba ha terga tigi diskussa ma' l-ADT meta l-Kunsill jiltaqa' maghhom. Is-Sur Pace qal li nistghu naghmlu camera f'kull triq. Is-Sur Cassar qal li kull ma hemm bzonn hu li triq tigi pedestrijanizzata bhal Triq Sant'Anna. Is-Sur Chetcuti qal li jista jsir bhal ma' hemm Kastilja bollard bil-hydraulic jitla' u jinzel skond il-hinijiet.

Is-Sur Chetcuti semma wkoll il-problema tal-hinijiet ta' l-iskola. Hu qal li t-triq missa tinghalaq minn hdejn Triq Caruana Gatto mhux dik il-konvuzjoni kollha had ma jista' jdawwar u kollox gegwigija. Is-Sur Pace qal li t-tabelli ilhom hemm 4 snin u s-Segretarju Ezekuttiv kif ukoll is-Segretarju Ezekuttiv qalu li din mhijiex is-soluzzjoni minhabba n-negozji li hemm fil-parti t'isfel specjalment il-Family Practice Clinic. Originarjament ghal bidu kien hemm problema habba din il-Klinika imma mbaghad is-sitwazzjoni rrimedjat ruhha biz-zmien ghax in-nies draw. Is-Sur Chetcuti accetta dan u talab biex ghallinqas il-Kunsill jaghmel xi haga dwar Triq San Duminku.

Gie mitlub jitkellem is-Sur Ray Borg. Dan beda billi qal jixtieq issir emfazi fuq l-iskart domestiku mahrug dakinhar li jingabar skart riciklat biss. U iktar minn hekk l-iskart mahrug minn filghaxija jew wara li jghaddi ta' l-iscammel. Hu qal ukoll li hemm bzonn li jsir iktar infurzar fuq is-sidien li jhallu l-klieb taghhom ihammgu barra. Hu staqsa jekk issirx

*supervision* u jekk hemmx persuna inkarigata li tiehu hsieb ix-xogholijiet. Is-Sur Pace qal li dan ix-xoghol jiehu hsiebu is-SurJoe Stellini.

Is-Segretarju Ezekuttiv ghalhekk ghadda ghas-spjegazzjoni qasira tal-Budget. Hi qalet li l-ikbar nefqa hi dik tal-kuntratt tal-gbir ta' skart imma li dan pero' hu fin-norma ta' l-allokazzjoni finanzjarja l-gdida li giet mghoddija lilna. Hi qalet li din is-sena l-Gvern ghadda lill-Kunsill € 468,408 u li l-hsieb tal-Kunsill hu li b'kollox idahhal mal-€560,322 bhala dhul. Minnhom iridu jitnaqqsu €96,775 jew iktar pagabbli lill-krredituri u b'hekk il-Kunsill forsi jigi fuq saqajh.

Is-Sur Ralph Cassar qal li issa li dan il-Kunsill ghandu sat-2012 jehtieg li jinghata prijorita' lill-kuntratti tal-Kunsill ghax hu jhoss li mhux qed niehdu *value for money* ghalhekk hu ta parir lis-Segretarju Ezekuttiv sabiex isir iktar monitoragg ghax qed ikun hemm wisq varjazzjoni fil-livell ta' xoghol. Hu qal li ma jistax ikun li dan jaghmel perjodu ta' zmien tajjeb u f'daqqa wahda mmorru l-bahar u mbaghad nergghu nigbdulu l-attenzjoni u nerghu nigu tajjeb.

Is-Sur Pace qal li l-problema hi li m'ghadx hawn min irid jahdem u per ezempju ta' l-iscammel ikollu jhaddem haddiema barranin. Is-Sur Cassar qal li irrispettivament ghal dan il-Kunsill ma jinteressahx b'min jahdem basta jkun kollox legali.

Is-Sur Spiteri qal li s-servizz ta' iscammel hu tajjeb imma wisq gholi. Hu qal li l-knis wiehed jista' jistenna xi haga ahjar. Kompla billi qal li veru Triq Victor Vassallo jaqa' hafna weraq tas-sigar imma ma jistax ikun li ma tinkinisx qas darba fil-gimgha. Is-Sur Zammit qal li b'garanzija li ilha ma tinkines iktar minn tlett gimghat. Is-Segretarju Ezekuttiv tefghet emfazi li pero' rrapporti mill-Field Services Branch juru mod iehor. Il-knis u l-latrini mhumiex daqshekk hazing bhala punteggi u r-rahal in generali hu nadif.

Is-Sur Cassar ghadda mbaghad ghall-punti iktar pozittivi bhal:

- Xoghol li sar fil-gnien tal-qasam tal-bini tal-Gvern
- *Refurbishment* ta' Gnien Karm Debono quddiem il-Kazin tal-Partit Laburista
- Ura x-xewqa li jigi restawrat il-monument tal-gwerra fil-Pjazza
- Jinbiddlu l-istickers ta' l-istorbju ta' ma' l-arbli tad-dawl fi Triq il-Pitkali
- Li jsir ir-restawr fuq l-embankment mill-Heritage Malta fi Triq il-Linja
- Li jigi mbuttat il-progett ta' Traffic Management .

Is-Sur M. Spiteri gibed l-attenzjoni ta' dawk prezenti li sa fl-ahhar kien qed jitwahhal il-Bus Shelter ta' Triq l-Imdina.

Is-Sur John P. Bonnici kkonkluda fl-ahhar li xtaq li l-Kunsill jiehu azzjoni fuq post li allegatament seraq parti mill-bankina u li xtaq ghalhekk li l-Kunsill jigbed l-attenzjoni tal-MEPA sabiex jintbaghat *building inspector.*

Il-laqgha spiccat fit-7.30pm.

________________________ ____________________

SINDKU DATA